MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
CHARMAINE GALEA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 183/2011

**Ian Arpa bin-numru tal-Karta ta' Identita 4689(M) u Adrian Montanaro bin-numru tal-Karta ta' Identita 308476 (M) ghan-nom ta' A-Check VRT Station ghall-kull interess li jista' jkollu**

**Vs**

**Transport Malta u b'digriet tas-7 ta' Frar 2014 isem l-Awtorita` intimata gie korrett ghal Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat minn Ian Arpa u Adrian Montanaro nomine fid-29 ta' Lulju 2011, permezz ta' liema talbu lil dan it-Tribunal ihassar, jirrevoka u jannulla d-decizjoni mehuda minn Transport Malta datata **11 ta' Lulju 2011**[1] u

[1] Dok IA a fol. 29 tal-process

jiddeciedi illi r-rikorrenti ghamlu xogholhom sew u skond il-Ligi;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorita` ghat-Trasport f'Maltaipprezentata fid-19 ta' Awissu 2011 li permezz taghha opponiet ghat-talba tar-rikorrenti u eccepiet (i) li in linea preliminari ghandha ssir korrezzjoni fl-isem tal-intimat billi l-isem proprju huwa Awtorita` ghat-Trasport f'Malta kif stabbilit f'Kap. 499; (ii) illi sussidjarjament it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti u dana peress li d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi ikkonfermata'; u (iii) illi l-Awtorita` ghamlet l-indagni taghha sew u b'responsabbilita`, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, u minn dak li irrizultalha inhareg l-avviz fejn, ghar-ragunijiet indikati fl-istess avviz, gew imposti s-sanzjonijiet kif previst fil-L.S. 65.15;

Ra x-xhieda tar-rikorrent Ian Arpa[2] u d-dokument esebit minnu immarkat bhala Dok "IA", ta' Clyde Micallef[3], tar-rikorrent Adrian Montanaro[4] u d-dokumenti esebiti minnu immarkati minn Dok "AM1" sa Dok "AM3", ta' Joseph Mifsud[5] u d-dokument esebit minnu Dok "JM1", ta' Maria Scicluna[6], ta' Benjamin Aldo Ciantar[7], ta' George Farrugia[8], ta' Lino Abela[9] u d-dokumenti esebiti minnu immarkati minn Dok "LA1" sa Dok "LA5";

Ra l-atti l-ohra kollha;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra illi r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

[2] Fol. 31 sa 35 tal-process
[3] Fol. 37 sa 42 tal-process
[4] Fol. 57 sa 60 tal-process
[5] Fol. 61 sa 68 tal-process
[6] Fol. 80 sa 84 tal-process
[7] Fol. 85 sa 87 tal-proces
[8] Fol. 88 sa 90 tal-process
[9] Fol. 91 sa 95 tal-process

Permezz ta' avviz datat 11 ta' Lulju 2011 li jinsab esebit a fol. 29 tal-process l-Awtorita` intimata infurmat lir-rikorrent Adrian Montanaro li *"on the 8th July 2011 Transport Malta Technical Officers had carried out a post VRT inspection on vehicle bearing registration number EBA 162. The vehicle was originally tested in your VRT station on the 7th May 2011 by your tester Ian Arpa licence number LTD/38/08/7 and certified roadworthy.*
*During Transport Malta inspection, the following irregularities were noted:*
*Cracked both front brake pipes*
*Loose middle front steering bush*
*Broken and worn front passenger seat*
*Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12* ***item 4, 10 and 11 your tester Ian Arpa is therefore being penalised the total points of 170 points (hundred and seventy points) that are equivalent to €1870.***[10]
*Furthermore the Tester Licence of Ian Arpa is being withdrawn for one year according the Subsidiary Legislation 65.15 PartVI Regulation 24(2).*
*Please send the cheque of €1870 addressed Transport Malta."*

Illi t-Tribunal se jibda biex jissorvola l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata fir-rigward tal-isem tal-istess Awtorita` u jordna li ssir il-korrezzjoni debita sabiex isem l-Awtorita` intimata jigi jaqra "Awtorita` ghat-Trasport f'Malta" kif inhu l-isem legali taghha ai termini tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal ihoss li qabel ma jigi nvestit il-mertu tar-rikors odjern ghandhom jigu ezaminati zewg kwistjonijiet fundamentali li jemanu mill-Avviz datat 11 ta' Lulju 2011 mahrug mill-Awtorita` intimata. Illi fl-imsemmi Avviz insibu li l-Awtorita` kienet qed tippenalizza lir-rikorrent Ian Arpa qua tester ghal tlett irregolaritajiet u cioe:-

1. cracked both front brake pipes
2. loose middle front steering bush

[10] Enfasi tat-Tribunal

3. broken and worn from passenger seat

Illi ghal dawn l-irregolaritajiet l-Awtorita` intimata imponiet 170 punt ta' penali in linea mat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Illi fiz-zmien meta sar il-VRT in kwistjoni, u meta saret l-inspection in kwistjoni da parti tat-teknici tal-Awtorita` intimata, kien vigenti l-Avviz Legali 43 tal-2008 li kien jaqsam l-imsemmi Tnax-il Skeda f'zewg partijiet distinti minn xulxin u cioe "Sistema ta' Punti ta' Penalita` uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalita' li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt **ta' operatur"**[11] u mbaghad kien hemm parti ohra intitolata "Sistema ta' Punti ta' Penalita' uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalita` li ghandhom jinghataw ghall-hsur tal-kundizzjonijiet **ta' persuna li jkollha licenza biex tittestja"**[12] Di piu` Regolament 21 (2) tal-Ligi Sussidjarja 65.15 kif applikabbli fiz-zmien in ezami jghid li *"Meta operatur jonqos milli jhares il-kundizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li jkollha licenza biex tittestja tonqos milli thares il-kundizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jkollhom licenza biex jittestjaw, l-ufficjal awtorizzat* ***ghandu jaghti lill-operatur jew lill-persuna li jkollha licenza biex tittestja, skond ma jkun il-kaz,***[13] *avviz bil-miktub li jkun jispecifika l-ksur tal-kundizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta' penalita` li jkunu se jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li jkollha licenza biex tittestja, u l-multa amministrattiva li tkun se tigi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur."*

Illi mill-provi jirrizulta illi Avviz fil-verita` intbaghat wiehed biss lil Adrian Montanaro. Mill-istess avviz jirrizulta wkoll illi l-irregolaritajiet, jekk semmai twettqu, wettaqhom ir-rikorrent l-iehor Ian Arpa li kien it-tester li ghamlet il-VRT fuq il-vettura in kwistjoni. Madankollu ma jirrizultax li r-rikorrenti Ian Arpa gie notifikat b'xi Avviz dwar in-nuqqasijiet ravvizati mit-teknici tal-Awtorita` intimata u dan kif tassattivament rikjest ai termini tar-Regolament 21 (2)

[11] Enfasi tat-Tribunal
[12] Enfasi tat-Tribunal
[13] Enfasi tat-Tribunal

tal-Avviz Legali 43 tal-2008. Iktar minn hekk, meta wiehed jara l-*items* 4,10 u 11 tat-Tnax-il Skeda u cioe kif kienet vigenti fiz-zmien in kwistjoni[14] isib li t-total ta' punti li semmai kellhom jigu imposti huwa differenti u inqas minn dak imsemmi fl-Avviz in kwistjoni. Fil-fatt ***item 4*** tat-Tnax-il Skeda li jirrigwardaw l-operat tat-tester, u cioe jekk tester jonqos milli jesegwixxi korrettement il-procedura tat-test kif stipulat fil-manwal tal-VRT u l-emendi li jkunu saru ghalih jew li jdahhal *data korretta* tal-vettura kif stipulat fil-manwal tal-VRT jew li jwettaq mhux kif suppost proceduri marbuta mat-test (jigifieri, ma jirregistrax id-data tal-vettura qabel ma jaghmel it-test fuq dik il-vettura partikolari) igorr mieghu penalita` ta' **<u>20 punt</u>**. ***Item 10*** u cioe jekk tester ma jaghtix kaz ta' xi haga hazina fil-*parking brakes* igorr mieghu penalita' ta' **<u>20 punt</u>** filwaqt li ***item 11*** u cioe li t-tester ma jaghtix kaz ta' xi haga hazina fl-*isteering* igorr mieghu penalita` ta' **<u>50 punt</u>**. Maghduda flimkien dawn il-punti ta' penalita` jammontaw ghal **<u>disghin (90) punt ta' penalita`</u>** u mhux mija u sebghin (170) punt kif imsemmi fl-Avviz in kontestazzjoni. Kwindi, certament, l-Awtorita` intimata kienet skorretta fl-imposizzjoni tal-ghadd ta' punti ta' penalita` fuq ir-rikorrent Ian Arpa, u dan minghajr ma wiehed jidhol fil-mertu tal-irregolaritajiet semmai riskontrati mit-teknici tal-istess Awtorita`.

Illi di piu`, kif gie ribadit ghal f'iktar minn okkazjoni wahda minn dan it-Tribunal diversament presjedut, l-Awtorita` intimata ma kellha l-ebda dritt li ghan-nuqqasijiet tat-tester timponi penali amministrattiva fuq l-operatur, kif sehh f'dan il-kaz.[15] Illi l-Awtorita` intimata ma setghet qatt timponi multa amministrattiva bhala korrispettiv ghall-punti ta' penalita` imputabbli semmai lit-tester Ian Arpa. Dan johrog car hafna minn qari tar-Regolamenti Taqsima VI tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ghaliex fejn si tratta ta' **multi** dawn qeghdin marbutin biss ma' **agir tal-operatur** u mhux mal-agir tat-tester u dan kif kienet il-ligi

---

[14] A.L. 43 tal-2008

[15] Ara **Vella Investments Limited vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** (26/2010) deciza fil-11 ta' Lulju 2013, u **Joseph Magri et vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** deciza fid-29 ta' Mejju 2012 (suggetta ghal decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell).

vigenti dak iz-zmien u kif inhi anke llum (Regolament 21 (2) L.S. 65.15).

B’hekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Avviz datat 11 ta’ Lulju 2011, u li huwa l-mertu ta’ dan l-appell, huwa kkaratterizzat minn ghadd ta’ nuqqasijiet li jirrenduh irritu u null u bla effett fil-konfront tar-rikorrenti.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorità intimata, jirrevoka *in toto* d-decizjoni ta’ l-Awtorita` intimata kontenuta fl-avviz datat 11 ta’ Lulju 2011 kif notifikata lil Adrian Montanaro, u jirrevoka u jhassar tali decizjoni u konsegwentement jikkancella l-mija u sebghin (170) punt ta’ penalita` u l-multa amministrattiva ta’ elf, tmien mija u sebghin ewro (€1870) imposta b’dik id-decizjoni.

Bl-ispejjez kollha ta’ din il-procedura kontra l-Awtorita` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------